**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Novembru 2015**

**Rikors Guramentat Numru:- 4/2015JVC**

**Laurence Borg**

**Vs**

**Salvu Tabone**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u dsatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€23,619.49), rapprezentanti prezz dovut ghal xoghlijet relatati ma' bini ta' hitan tas-sejjiegh f'diversi nhawi f'Ghawdex, kollha proprjeta' tal-istess konvenut, u dan kif jidher tajjeb fuq id-dokumenti hawn annessi u mmarkati *Dok LB1 – LB8);*

2. Illi l-imsemmi kreditu huwa oltre l-imghaxijiet kummercjali li ghandhom jiddekorru mid-data tax-xoghol sad-data tal-hlas effettiv;

3. Illi minkejja illi l-konvenut huwa konxju ta' dan id-dejn, u wieghed ghall-ghadd ta' drabi li ser ihallas lill-attur dak minnu dovut, huwa ghadu sal-lum ma hallas xejn;

4. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, u dan stante illi d-dejn fuq imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u

skadut, u billi safejn jaf l-attur il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra l-prezenti talba ghall-hlas;

5. Illi l-attur ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti hawn fuq esposti.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u dstatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€23,619.49), rapprezentanti prezz dovut ghal xoghlijiet relatati ma' bini ta' hitan tas-sejjiegh f'diversi nhawi f'Ghawdex, kollha proprjeta' tal-istess konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imghaxijiet kummercjali li ghandhom jiddekorru mid-data tax-xoghol sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat b'rabta ma' dawn il-proceduri, u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali numru 715/2014, oltre l-imghaxijiet legali b'effett mid-data tax-xoghlijiet sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li qieghed minn issa jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut fejn eccepixxa:

Ili t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta stante li l-azzjoni taqa' bil-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti, il-provi, ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha esebita;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Mejju, 2015 il-konsulent legali tal-konvenut spjega li l-eccezzjoni mressqa mill-patrocinat tieghu kellha tinftiehem

fis-sens li fl-ewwel lok li (1) il-konvenut kien qed iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok li (2) li t-talbiet attrici fil-mertu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat illi wara li laqghet l-istess spjegazzjoni fl-istess verbal il-Qorti ordnat li jitressqu l-provi limitatament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-attur isostni li l-konvenut ghandu jhallsu s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u dsatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€23,619.49) rapprezentanti prezz dovut ghal xoghlijiet relatati ma' bini ta' hitan tas-sejjiegh f'diversi nhawi f'Ghawdex fuq ordni ta' Salvu Tabone. Il-konvenut apparti eccezzjoni vaga hafna fil-mertu u cioe' li t-talbiet huma nfondati, iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-perjodu ta' tmintax-il xahar.

Il-konvenut isostni li ma ghandu jaghti xejn lill-attur u jistrieh kompletament fuq il-provi mressqa mill-attur ghajr li pprezenta kopja tal-ittra ufficcjali notifikata lilu nhar is-7 ta' Jannar, 2015 (esebita a fol. 30). Fis-sottomissjonijiet tieghu l-konsulent legali tal-konvenut sostna li x-xoghlijiet saru fis-sena 2011 u 2012 kif jirrizulta mill-kontijiet bil-kejl esebiti a fol. 4 u 5 tal-process mill-istess attur u li t-terminu tal-preskrizzjoni ta' sena u tmien xhur ghandu jibda jiddekorri mill-anqas minn dawk id-dati. Prova dwar meta effettivament saru x-xoghlijiet ma tressqitx mill-ebda parti;

L-attur da parti tieghu jsostni li permezz tal-iskrittura a fol. 7 tal-process datata 1 ta' Lulju, 2012 l-istess konvenut (li huwa ndikat bhala l-klijent) irrikonoxxa dak dovut lill-attur (li huwa ndikat fl-istess skrittura bhala l-

kuntrattur). Fil-fatt apparti l-indikazzjoni tal-partijiet u x'jirraprezentaw il-parti saljenti ta' din l-iskrittura taqra kif isegwi:

'u peress illi l-klijent ried jaghmel xoghlijiet ta' bini ta' hitan tas-sejjiegh fit-Taflija, limiti tar-Rabat, Ghawdex, u hdejn ir-Razzett tal-imsemmi Salvu Tabone f'Kercem, Ghawdex.

u peress illi dawn ix-xoghlijiet gew imwettqa, u l-klijent huwa kuntent bix-xoghol li sar;

Il-partijiet qeghdin jiftehmu wkoll illi l-prezz li bih ghandu jitkejjel dan ix-xoghol huwa ta' tmintax il-euro u sitta u sittin centezmu (€18.66) kull metru kwadru eskluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.)

Il-hlas ta' dan ix-xoghol ghandu jsir fi flus kontanti fi zmien gimgha minn meta l-kuntrattur jibghat il-kont lill-klijent.

B'dan illi l-klijent jirriserva d-dritt li jfittex id-drittijiet tieghu f'kaz li x-xoghol ma jkunx sar skont l-arti u s-sengha.'

Illi fir-rigward ta' din l-iskrittura l-konvenut isostni li din mhux neccessarjament qed tirreferi ghax-xoghol li ghall-prezz tieghu qed ifittex l-attur ghaliex ma jissemmiex l-ammont. Il-Qorti in vista tal-provi fl-atti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Ir-rikors guramentat fl-ewwel paragrafu apparti li jindika s-somma dovuta u jsemmi xoghol tas-sejjiegh f'diversi nhawi f'Ghawdex jaghmel referenza specifika ghad-dokumenti esebiti a fol. 4, 5 u 7 li huma fil-fatt il-kejl tax-xoghol fis-siti l-Farm tat-Taflija u Tax-Xlendi, Kercem u l-istess skrittura datata 1 ta' Lulju, 2012 fejn din ta' l-ahhar ukoll issemmi x-xoghol fit-Taflija, limiti tar-Rabat, Ghawdex u f'Kercem, Ghawdex. Ghalhekk jirrizulta li l-kontijiet mal-iskrittura jaqblu ghal dak li huma siti ndikati fejn sar ix-xoghol. Mhux biss il-haddiema kollha tal-attur li xehdu f'dawn il-proceduri kif ukoll is-'surveyor' Saviour Bonello li ha l-kejl ilkoll ikkonfermaw li x-xoghol lil Salvu Tabone sar f'dawn is-siti (ara affidavits a fol. 15 et seq). In vista ta' dan i-Qorti tqis li tressqu provi ferm oltre dak rikjest mil-ligi li jevidenzjaw li l-ammont rikjest f'din il-kawza huwa ghax-xoghol li sar fis-siti ndikati fl-iskrittura tal-1 ta' Lulju, 2012 u li fuqu kien hemm ftehim ta' modalita' ta' pagament bejn il-partijiet. Jirrizulta ghalhekk li certament dakinhar tal-iskrittura tal-1 ta' Lulju, 2012 Salvu Tabone irrikonoxxa d-debitu tieghu favur l-attur

Lawrence Borg – il-kuntrattur - fir-rigward tax-xoghljiet ta' bini ta' hitan tas-sejjiegh f'dawn iz-zewg siti.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-istess skrittura izda tghid illi '*il-hlas ta' dan ix-xoghol ghandu jsir fi flus kontanti fi zmien gimgha minn meta l-kuntrattur jibghat il-kont lill-klijenti.*'

Dan il-vers f'din l-iskrittura ghandu zewg implikazzjonijiet legali:

1. Is-sospensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni (hu liema hu l-perjodu applikabbli) sal-mument li l-kuntrattur jibghat il-kont lill-klijent u wara t-trapass ta' gimgha minn meta dan jintbaghat. Il-Qorti tqis li huwa f'dak il-mument li jiskatta l-obbligu tal-hlas da parti ta' Salvu Tabone u f'dak il-mument ukoll jibda ghaddej il-perjodu tal-preskrizzjoni. Jirrizulta mill-atti li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar liema kien l-ewwel kont li huwa rcieva minghand l-attur – ghal din ir-raguni biss din il-Qorti tista' tichad l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni mqajjma minnu stante li l-prova kienet tinkombi fuq min qed jeccepixxi. Izda l-Qorti marret oltre u mill-atti jirrizulta li l-ewwel kont li jidher mahrug f'isem il-konvenut huwa dak datat 27 ta' Dicembru, 2014. Ma tirrizulta l-ebda prova izda jekk dan intbaghatx lill-konvenut jew jekk giex moghti lilu. Jirrizulta izda li fl-istess jiem u cioe' fil-31 ta' Dicembru, 2014 giet prezentata ittra ufficcjali fil-konfront ta' l-istess Salvu Tabone ghall-ammont rapprezentat fil-kont tas-27 ta' Dicembru, 2014 u cioe' €23,619.49. Din l-ittra ufficcjali giet notifikata lill-konvenut nhar it-7 ta' Jannar, 2015 (fol. 30). Fuq domanda tal-istess konsulent legali tal-konvenut, l-attur ikkonferma fil-kontro-ezami tieghu datat 20 ta' Ottubru, 2015 li din kienet l-unika ittra li ntbaghtet lill-konvenut:

'Avukat Dottor Joshua Grech:

Ara Sur Borg qiegħed tigi muri ittra ufficcjali pprezentata fil-wieħed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) a fol 30 tal-process, ara ngħidx sew li din kienet l-uniku ittra jew att gudizzjarju li qatt intbagħat lil Salvu Tabone?

Xhud: Mhux già spjegajtlek! Jien kont ragel bizzejjed –

Avukat Dottor Joshua Grech: Imma minuta!

Il-Qorti: Iva jew le, dik biss bgħattlu?

Xhud: Iva.'

Jirrizulta ghalhekk li ai termini tal-iskrittura tal-1 ta' Lulju, 2012 l-obbligu tal-hlas skatta fuq il-konvenut fi zmien gimgha min-notifika tal-ittra ufficcjali (kunsidrata bhala l-kont imsemmi fl-istess skrittura) u mhux qabel. Il-perjodu ta' preskrizzjoni ghalhekk beda jiddekorri gimgha wara s-7 ta' Jannar, 2015. Il-kawza giet prezentata fis-6 ta' Frar, 2015 u cioe' anqas minn xahar wara li beda d-dekors tal-perjodu preskrittiv;

2. Ir-rikonoxximent da parti tal-konvenut li l-attur Laurence Borg kien qed jagixxi fil-vesti ta' 'kuntrattur' u mhux fil-vesti ta' semplici bennej. L-attur fil-fatt isostni fix-xhieda tieghu u anki kif konfermat mix-xhieda ta' bosta mill-haddiema tieghu li xoghlu huwa ta' kuntrattur u mhux ta' semplici bennej u ghalhekk mihjiex il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taht l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 li tapplika izda hija l-preskrizzjoni tal-perjodu ta' sentejn taht l-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-kawza fl-ismijiet **Pacifico Bezzina vs. Patrick-Ian Calleja et** il-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Joseph Zammit Mc Keon ikkonfermat kif isegwi:

*'id-disposizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili (artikolu 2148 (a)) tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timpirimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali,*

*L-artikolu 2148 (a) jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (Kollez. Vol. XLI.i.347) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149*

*(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opera, jipprestaw xoghol – 'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.'*

F'dan ir-rigward, il-Qorti wkoll mill-atti kkonfermat li x-xoghol tal-attur mhuwiex dak ta' bennej per se izda dak ta' kuntrattur li tramite numru ta' makkinarju, materjal u diversi haddiema jipprovdi xoghol ta' kostruzzjoni. Dan ikkonfermawh kemm id-diversi haddiema tieghu li taw ix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri kif ukoll l-istess attur fix-xhieda tieghu fejn spjega kif isegwi:

'Avukat Dottor Marsette Xerri: Qed nitkellmu dwar dan ix-xogħol – issa nispjega għal ħa tkun illinkjata mal-preskrizzjoni – inti xogħlok eżatt x'inhu?

Xhud: Jien kuntrattur u nqabbad jigifieri għandi l-bennejja miegħi u għandi l-lavranti jgħinhom u nibnu s-sejjiegħ. Għandi xogħol ukoll inġorru l-ilma ukoll bil-bowsers. Imma dak ħaddiem apparti.

Avukat Dottor Marsette Xerri: Issa f'dan il-każ kemm intużaw ħaddiema u x'tip ta' makkinarju ntuza u l-materjal?

Xhud: Dak iz-zmien, għax kellu fuq tliet ibnadi xogħol, kien xogħol kbir, kelli l-hi-max u kelli l-bobcats u l-gafef. U ħaddiema konna xi tnax, tlettax (12 - 13). Kien hemm erbgħa, ħamsa (4 – 5) ipoggu s-sejjiegħ u l-oħrajn inewwlu. U ntuża ukoll għax billi xogħol fuq it-tafal intuża s-siment.

Avukat Dottor Marsette Xerri: Bħala materjal min kien igibu?

Xhud: Jien, kollox gibt jien.' (xhieda datat 20 ta' Ottubru, 2015)

Ghalhekk in vista tas-suespost huwa evidenti li ghall-kaz odjern, jekk kellu japplika perjodu ta' preskrizzjoni dan kien l-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 2148 (a) tal-istess Kap. 16.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunjijiet kollha suesposti, il-Qorti tiddikjara li l-preskrizzjoni eccepita ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-

Ligijiet ta' Malta mhijiex dik applikabbli ghall-kaz odjern u stante wkoll il-konsiderazzjonijiet l-ohra f'din id-decizjoni, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut ai termini tal-istess artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Bl-ispejjez kollha sa din l-istanza kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur